TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 72/13-F

**Carmel Aquilina**
**vs**
**International Sales Direct**

Illum 13 ta' Novembru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Marzu, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf u seba' mitt ewro (€1,700), rappreżentanti prezz ta' *solar water heater* illi wara ftit żmien beda jissaddad u ma bediex jaħdem tajjeb.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għal seduta waħda.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *solar water heater* għall-prezz ta' elf u seba' mitt ewro (€1,700) mingħand is-soċjeta' ntimata u wara xi żmien beda jissaddad u beda jkollu l-problemi.

Is-soċjeta' ntimata daparti tagħha ssottomettiet illi pruvat issolvi dawn il-problemi, billi biddlet it-tank ma' ieħor ġdid, pero' baqa' bl-istess problema, illi skont is-soċjeta' ntimata r-rikorrenti kellu pressjoni qawwija ta' l-ilma.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jikkonsidra li *per se s-solar water heater* ma kienx ħażin u li hemm affarijiet estranji għas-*solar water heater*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi s-*solar water heater* jibqa' propjeta' tar-rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888